

31993R3329

4.12.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 299/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3329/93  
 tad-29 ta' Novembru 1993**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern ta' Dominika**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi l-Komunità Dominika innegozjaw u inizzjalaw Ftehim dwar is-sajd li jiggarantixxi, fuq bażi reċiproka, possibilitajiet ta' sajd għas-sajjeda tal-Komunità fl-ilmijiet li fuqhom Dominika teżer-ċita sovranià jew ġurisdizzjoni, kif ukoll fuq sajjeda minn Dominika fiż-żona ta' sajd tal-Komunità lil hinn mill-kosta tad-Dipartimenti Franċiżi ta' Guadaloupe u Martinique;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità li jiġi approvat dan il-Ftehim,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern ta' Dominika qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'dan jiġi awtorizzat biex jagħti n-notifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 14 tal-Ftehim u li jinnomina lill-persuna li għandha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim li jorbot lill-Komunità.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Novembru 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. COËME

<sup>(1)</sup> Opinjoni maħruġa fis-17 ta' Novembru 1993 (għadha mhix pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).